# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgha, 29 ta' Mejju, 2024

**Rik. Nru. 80/2023 ISB**

**Seventy 7 Ventures Limited (C 103216)**

**Beton Screed Limited (C 100405)**

**vs**

**Zere Business Holdings Ltd. (C 102652)**

**Dany Business Group Ltd (C 102651)**

**Giacomo Paci (ID 0256587A)**

**Enrico D'Aniello (ID 139958A)**

**DIGRIET MOGĦTI IN CAMERA GHAT-TALBA TAL-INTIMATI MAGĦMULA WAQT L-UDJENZA TAL-24 TA' MEJJU 2024 B'TALBA SABIEX JINĦATAR AMMINISTRATUR PROVIŻORJU**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** promotur tat-12 ta' Diċembru 2023, li permezz tiegħu is-soċjetajiet rikorrenti ressqu azzjoni ai termini tal-Artikolu 402 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-**risposta** tal-intimati u l-kontro-talba hemmhekk magħmula ntavolata fit-22 ta' Frar 2024.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-23 ta' Frar 2024.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-24 ta' Mejju 2024.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi s-soċjetatjiet rikorrenti qegħdin iressqu din l-azzjoni ai termini tal-Artikolu 402 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt illi s-soċjetajiet intimati qegħdin iressqu kontro-talba ghar-raġunijiet hemmhekk indikati.

Illi s-soċjetajiet intimati qegħdin iressqu talba ghal *interim measure* fil-kuntest tal-azzjoni rikonvenzjonali tagħhom ntavolata ukoll ai termini tal-Artikolu 402 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi kif ormai issa stabbilit b'diversi pronunzjamenti ta' din il-Qorti, kemm kif preseduta u kemm kif mod iehor preseduta, mhux eskluż li, ghalkemm il-liġi ma tghid xejn, fejn thoss xieraq u fuq talba ta' xi ħadd mill-partijiet, il-Qorti takkorda għal miżura interim (vide f'dan is-sens l-esposizzjoni cara u dettaljata tal-ħsieb f'dan ir-rigward tal-Professur Andrew Muscat fil-ktieb tiegħu "**Principles of Maltese Company Law**" (Second Edition, Volume II, pg 1357 et seq) li jagħmel referenza ampja anke għall-każistika.

B'danakollu hawnhekk qed issir talba ghal miżura interim partikolari – <u>dik ta' ħatra ta' amministratur proviżorju</u> pendenti dawn l-odjerni proċeduri. Il-Qorti tagħmel referenza ampja ghal dak deċiż minnha (kif diversament preseduta) fil-kawża **Patricia Apap Bologna vs Raphael Bianchi et** (Prim Awla tal-Qorti Civili – 16.12.2020) meta, wara konsiderazzjonijiet dettaljati u studjati illi din il-Qorti tagħmel tagħha, ntqal hekk:

> *Anke mid-dicitura tal-Art. 402 fl-assjem tiegħu, huwa evidenti li l-Qorti ma tistax tahtar amministratur provvizorju kif qegħda titlob ir-rikorrenti.* ***Fl-istat tad-dritt kif inhu llum, il-Qorti hija prekluza milli tagħmel il-hatra li trid ir-rikorrenti****.*

Is-sitwazzjoni llum ma jidhirx illi nbidlet u din il-Qorti kif preseduta ma tarax għalfejn din il-posizzjoni għandha tinbidel filwaqt illi qed tagħmel tagħha l-insenjament tal-Qorti kif magħmul f'dik id-decizjoni. Fuq kollox jibqa' japplika l-principju tad-dritt – *ubi lex voluit dixit* – li dak in-nhar il-Qorti strahet tant fuqu.

**GHALDAQSTANT**, għar-raġunijiet u l-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, il-Qorti qed tgħaddi biex tiċħad it-talba tas-soċjetajiet intimati għall-ħatra ta' amministratur proviżorju kif mitlub fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2024.

**Il-Qorti tirriserva li tipprovdi dwar l-ispejjeż mal-provvediment finali.**

**Tordna illi dan id-Digriet jiġi komunikat lid-difensuri tal-partijiet permezz ta' mezzi elettroniċi.**

**DIGRIET MOGĦTI IN CAMERA llum l-Erbgħa, 29 ta' Mejju 2024.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**